MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2010

Talba Numru. 61/2010

**Go Plc (C-22334)**
**Vs**
**Saviour Chircop (K.I. 456576M)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ sitt mija erbgha u hamsin ewro u tnax-il centezmu (€654.12) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lil Go Plc in konnessjoni mas-servizzi ta’ telefon bl-akkont numru 40069537 numru telefoniku 21221202 skond diversi kontijiet mibghuta lilu u skont kif jirrizulta mid-dokument anness mat-talba mmarkati Dok A, B u C.

Illi nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notfikat.

Ra li l-konvenut naqas li jidher ghas-seduta tal-lum.

Illi gie pprezentat kapitolu quddiem it-Tribunal fis-seduta tat-28 ta' Mejju , 2010 mill-prokuratur legali Noel Scerri.

It-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova il-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------